MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Numru 1088/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**vs**

Yitagesu Legese Weldemariam

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta` Yitagesu Legese Weldemariam ta 19-il sena, ta' Nazzjonalita Etjopjana, iben Legese u Baltu, imwieled fl-Etjopja fil-21 ta' Marzu 1994, residenti gewwa l- Bon Pastur Hal

Balzan, detentur tan-numru tal-Pulizija 11C-187 u tal-karta tal-identita` Numru:77929(A).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl- 1 ta' Novembru 2013 iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport li hu kien jaf li huwa ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kapitolu 61, Sezzjoni 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-document fuq imsemmi (Kapitolu 9, Sezzjoni 189 tal- Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita` legittima uza document, cioe` passaport bin-numru 060122,mehtieg ghal fini ta' l- Att dwar l-Imigrazzjoni li kien iffalsifikat ( Kapitolu 217, Sezzjoni 32 (1f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-fini ta'piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta, il-fatt li kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjonijiet taghha u li ghadu ta' eta` tenera.Il-Qorti semghet ukoll illi l-imputat jiehu l-kura u ghandu problem kemm ta' sahha mentali kif ukoll problemi ohra socjali.Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-sens illi piena karcerarja effettiva ma tkunx wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l- Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 32 (1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta'Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjoni fuq maghmula u b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal piena ta'tmintax-il xahar prigunerija sospiza ghal 3 (tlett) snin.

Ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizzjoni ghal perjodu ta' sentejn mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, inkluz ukoll illi jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficcjal Sorveljanti u jiehu l-kura u l ghajnuna kollha li tigi rakkomdata lilu.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska tad-dokumenti esebitia Dok JF5.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------